Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 49**
**Tlieta 31 ta'Jannar**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:40 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Renald Camilleri : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

Qabel is-Seduta, fil-5pm is-Sur Renald Camilleri fil-preżenza ta' Dr Ian Micallef ħa l-ġurament tal-ħatra bħala membru tal-Kunsill Lokali L-Imsida.

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

49.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera s-Sinjura Romina Galea u s-Sur Jean Claude Borg li talbu li jkunu skużati.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

Sospensjoni tas-seduta;

Is-Sur Alfred Farrugia talab għal sospensjoni tas-seduta biex tkun osservata minuta ta'silenzju b'rispett għal memorja tal-Eks Kunsillier għal-Imsida l-Kaptan George E. Kissaun u s-Sur John Mary Camilleri kunsillier għal Kunsill Lokali Gudja li għaddew għal ħajja ta'dejjem.
Il-kunsilliera preżenti osservaw Minuta Silenzju.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li sakemm tasal l-accountant se tinkludi mal-Aġenda xi items ta' xogħol għal attenzjoni meħtieġa.

**49.2 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

49.2.01 B'referenza għal minuti 48.4.03, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar sejħa għal tender biex jinxtara Van elettriku li issa għalqet. Kien hemm offerta waħda li dwaru is-Segretarju Eżekuttiv se jagħti xi dettalji.
Saret preżentazzjoni viżwali fejn ingħatat spjega teknika tal-Van propost li huwa konformi mal-kriterji mitluba fejn il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u unanimament qablu mal-mudell propost. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li l-ewwel għanda ssir l-evalwazzjoni u talab biex jinħatar il-bord biex jibda il-proċess. Għalhekk flimkien mas- Sindku Margaret Baldacchino Cefai, is-Sinjuri Charles Selvaggi u Nicholas J. Chircop inħatru wkoll is-Sinjuri Emanuel Brincat u Renald Camilleri.

49.2.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar ir- responsabbiltà tal-Edukazzjoni li kienet l-assenjata lil kunsillier Judy Sciberras u għarfet lill kunsilliera preżenti li se tibda tieħu ħsieba hi stess. Filwaqt li pproponiet biex is-Sur Renald Camilleri flimkien mas- Sur Emanuel Brincat jamministraw responsabiltà għal Infrastruttura / Proġetti / Siti ta kostruzzjoni / Traffiku / Għajn tal-Ħasselin u il-Monument GWU.
Is-Sur Charles Selvaggi ġibed l-attenzjoni li kull kunsillier għandu jkun assenjat xi waħda mir-responsabbiltajiet li jaqgħu taħt il-kunsill.

49.2.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tal-knis preżenti bgħat avviż li se jibqa' jipprovdi s-servizz sas- Sibt 28 ta'Jannar filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt mal-kumpanija biex jitlob li s-servizz ikun estiż għal ftit ġimghat oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li s-sejħa ġiet evalwata kien hemm problema teknika li kawżat dewmien sakemm ħarġet in-notifika bl-aħjar offerta magħżula. Fil-mument hemm il-perjodu ta'10 ġranet sabiex jekk ikun hemm mill-offerenti li jħossu li ġew aggravati b'deċiżjoni tal-kunsill ikunu jistgħu jagħmlu appell. Għalhekk minħabba ż-żmien li jista' jkun involut kien hemm il-ħtieġa biex tintalab l-estensjoni tas-servizz tal-knis tat-toroq, fejn intalbet u intbagħtet kwotazzjoni għal ħlas addizzjonali ta' €1,770.00 inkluża il- Vat għal kull erba' ġimgħat.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

49.2.04 B'referenza għal-minuti 48.5.02, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kontenut tal-ittra li kien miftiehem li għanda tintbagħat lill Infrastructure Malta fejn l-Kunsill Lokali tal-Imsida kien qed juri qbil mal-Proġett tal-Imsida Creek kif ġie ppreżentat b'draft kif jidher hawn li ġie < moqri u > mgħoddi lil kunsilliera għal kummenti tagħhom. mizjuda :< moqri u >

*B' referenza għall-iżvilupp u pjanti ġodda tal-Proġett tad-Daħla tal-Imsida kif proposti u mħabbra mill-Aġenzija Infrastructure Malta nhar Il-Ħadd 23 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Lokali L-Imsida għamel diskussjoni dwar is-suġġett kemm waqt is-seduti tal-kunsill li saru wara kif ukoll waqt il-laqgħat informattivi li kellu ma'CEO għal Infrastructure Malta flimkien mal-periti ta' żewġt naħat rispettivi.*

*Fil-istess żmien l-Kunsill Lokali għamel ukoll laqgħat ta'konsultazzjoni mal- għaqdiet lokali konċernati biex ikun magħruf sew il-bżonnijiet tagħhom li ġew inklużi fil-proposti ġa mgħoddija lill Infrastructure Malta.*

*Nixtieq ninforma li waqt is-Seduta tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar, il- kunsilliera għamlu diskussjoni oħra fejn unanimament hemm qbil dwar il-proġett tal-Imsida Creek kif ġie propost . Kien hemm ukoll qbil, biex fil-ġimghat li ġejjin tissejjah laqgħa għar-residenti biex il-proġett jiġi spjegat lilhom bl-aħjar mod possibbli.*

*Filwaqt li nirringrazzja lilek u lill Infrastructure Malta għal-konsultazzjoni miftuħa li ġa kien hemm nitlob biex il-Kunsill Lokali jibqa' jiġi aġġornat u ssir konsulta kif xieraq dwar kull tibdil li jista' jkun hemm.*

Hawn spjegat li wara li ntbagħat id-draft, fil-komunikazzjonijiet li kien hemm bejn il-kunsilliera ssemmew xi affarijiet dwar il-water catchment u dak li qed tifhem it-tħassib fuq il-karreġġjata tal-flyover mal-possibilità ta' bottle neck ħdejn L-iskatepark li għandhom bżonn ta' kjarifika.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li jrid jagħmilha ċara mal-ewwel li huwa u sħabu fil-grupp Nazzjonalista huma favur il-proġett iżda għad hemm tħassib serju dwar x'se jsir fejn l-iskatepark li għalihom ssemmew pjanijiet oħra iżda li sa issa għadu ħadd ma' jaf xejn dwarhom. Staqsa ukoll kemm il- karreġġjata se jkun hemm fuq il-flyover.

Waqt li bdiet diskussjoni Is-Segretarju Eżekuttiv fetaħ il-viżwali tal-proġett li kienu preżentati f'seduta L8-45 tat- Tlieta 25 ta' Ottubru 2022 biex ikun aċċertat kemm il-karreġġjata hemm.

Wara id-diskussjoni Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet li mal-kontenut ta'draft eżatt wara l-ewwel paragrafu għandu jiżdied il- kliem kif ġej -

*" Waqt dawn il-laqgħat issemmew bosta punti li għalihom saret kjarifika iżda, għad hemm tħassib dwar it-traffiku li jista' jeħel ħdejn l-iskatepark li għalkemm ġejna infurmati li hemm pjan ieħor għal dan il-kunsill għandu ċertu riservi sakemm ikun jaf sew kif se tkun indirizzata din il-problema".*

Imbagħad l-ittra tkompli bil- kumplament tal-kontenut ta'draft msemmi.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

49.2.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar Triq Box Box k/m Triq it-Torri fejn spjega li din hemm parti li ma tarax sew meta tkun dieħel jew ħiereġ u talab biex issir mera.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota biex ssir mera.

**49.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

49.3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- indikaturi finanzjarji tar- raba trimestru flimkien mar- rapport finanzjarju mhux awditjat minn l- 1 ta'Jannar sa l-31 ta'Diċembru 2022.

L-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li matul is-sena 2022 id-dħul kien ta' €922,981, filwaqt li l-ispiża kienet ta' €907,539. Dan ifisser sa l-aħħar tas-sena l-kunsill irnexxielu jirkupra minn żbilanċ ta' (7,174) fin-nefqa rikorrenti li rreġistra fit- tielet kwart ''minuti 45.6.01'' biex għalaq b'bilanċ finanzjarju pożittiv ta' €15,442. Hawn kompliet tispjega fid-dettal iż-żewġ rapporti fejn indikat li r-riservi pjanata biex tikkontrolla il-cashflow hija ta' €175,352 u €275,000 għal meta jibda jiġi mplimentat l-proġett tal-estinzjoni tal-bini amministrattiv. Għalhekk meta wieħed jikkunsidra l-assi € 727,882 ma' l-obbligazzjonijiet kurrenti € 278,478 se jibqa' kapital operattiv b'bilanċ pożittiv ta'€449,404 jew surplus ta' 64% meta mqabbel mal-allokazzjoni tal-Gvern għas-sena 2022 (€701,406 ).

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew ir-rapporti u approvaw unanimament.

49.3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tal-Estimi Finanzjarji fejn l-allokazzjoni għas-sena 2023 hija ta' €711,104.00 li flimkien ma' dħul ieħor trid tipprovdi biex tkopri żieda fid-domanda fuq spejjeż amministrattivi u operattivi għas-servizzi pprovduti mill-Kunsill Lokali L-Imsida. Dawn jinkludu tmexxija amministrattiva normali ta' kuljum u servizzi kuntrattat bħal ġbir ta' skart goff, manutenzjoni tad-dawl fit-toroq, parks u ġonna jew oħrajn. Hawn fakkar li matul is-sena se jidħol fis-seħħ il-kuntratt ġdid ta' tindif tat-toroq li se jipprovdi għal żieda sostanzjali biex l-iskeda tal- knis ta' kull ġimgħa tiżdied minn jumejn għal tlieta kull triq u żieda fil-persuni tas-servizz minn tlieta għal ħames kenniesa kull rotta. Saret ukoll referenza għal laqgħa pubblika tal-Ħamis 15 ta'Diċembru 2022 u l-minuti 47.4.01 dwar l- implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma li ġie ppreżentat fejn spjega li hemm provdut għal bosta mill-inizjattivi diversi li ġew proposti li għalihom qed ssir ħidma biex ikunu parti iffinanzjati minn fondi tal-Kunsill Lokali u permezz ta' fondi addizzjonali minn skemi tal-Gvern Ċentrali li jistgħu jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-estimi u approvaw unanimament.

**49.4 Tmiem tal-laqgħa.**

49.4.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija, filwaqt li data għas-seduta statutorja li jmiss se tkun kif deċiż fis-seduta 48 nhar it-Tlieta 28 ta' Frar.

Minuti konfermati, illum 28 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |